# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-8 t'Ottubru 2019**

Appell numru 159 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**John BONELLO**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 ta' Mejju 2019 fil-konfront ta' John BONELLO, karta tal-identita bin-numri 529579M fejn ġie mixli talli:

    1. Talli bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att nur. XXIII tal-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni b'sorpriża li seħħet fit-28 t'Awissu 2016 bħala bejjiegħ permezz ta' kjosk waqt il-festa ta' San Ġiljan, jew int jew impjegati tiegħek jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħek, xjentement irrilaxxjajt riċevuta fiskali mhux korretta u/jew qarrieqa f'xi rigward materjali għall-bejgħ ta' provvista skont il-kumpens lilek imħallas, u dan billi ndikajt dik il-provvista bħala waħda eżenti minflok taxxabbli,

u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-artikoli 51 u 77(f) u 82 tal-istess Att.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat, stqarret is-segwenti :

   Rat id-dokumenti esebiti u cioe' il-kwerela a fol 9 [Dok PS 1] u l-Applikazzjoni ghar-Registrazzjoni tal-Imputat [Dok PS 2] u l-atti kollha tal-kaz specjalment il-verbali fejn gie rregistrat id-disprezz kontinwu tal-Imputat minhabba n-nuqqas ta' dehra minkejja li kien debitament innotifikat biex jhidher quddiem din il-Qorti;

   IKKUNSIDRAT :

   Il-Qorti strahet fuq id-dokumentazzjoni hawn fuq deskritti u pprezentati u sabet lill-Akkuzat hati.

   U kien għall-dawn il-motivi li wara li rat il-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-artikoli 55, 77(f) u 82 tal-istess Att, sabet lill-istess appellat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' multa fl-ammont ta' tliet elef euro (€3000) b'dan li din kellha tiżdied b'ħames euro (€5) f'każ illi wara tliet xhur ma jkunx sar il-ħlas lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

3. Illi minn din is-sentenza John BONELLO interpona appell permezz ta' rikors datat 5 ta' Ġunju 2019 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi mħasra u revokata fl-intier tagħha wara li saħaq is-segwenti: -

   Illi b'ebda tigbid l-ewwel Qorti ma' seghat qatt legalment issib htija fil-konfront tal-akkuzat u dna ghall-raguni wahda u semplici : Ma' kienu tressqu ebda provi quddiemha li mqar bl-aktar mod remot kienu jippruvaw il-fatti allegat u / jew l-elementi tar-reat uniku addebitat lilu.

> Il-Prosekuzzjoni resqet biss zewg dokumenti PS1 u PS2 li m'humiex ammissibbli ghaliex (i) minn imkien ma jidher kif dawn dahlu fl-atti u (ii) wisq anqas ma' gew ikkonfermati bil-gurament. Dan apparti l-fatt illi f'kull kaz dawn b'ebda mod ma' jaghmlu xi provi tar-reat allegat fil-konfront tal-esponent.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi l-appellant għandu raġun. Wara li din il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża, u b'mod partikolari l-verbali tas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ma jirriżultax li instemgħu xi xhieda li b'xi mod setgħu jippruvaw il-każ tal-Prosekuzzjoni.

5. Minn qari tal-atti jirriżulta li fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2017 (fol 2) l-imputat ma kienx notifikat. Il-kawża ġiet differita għall-15 ta' Jannar 2018 fid-9am għan-notifika. Fil-15 ta' Jannar 2018 (fol 3) il-Qorti kienet iddifferiet il-kawża għall-20 ta' Marzu 2018 sabiex l-imputat ikun jista' jressaq provi ulterjuri rigwardanti l-ħlas tal-multa. Biss f'dik is-seduta ma ġiex verbalizzat sewwasew xi ntqal mill-imputat lill-Qorti, u ma ġie verbalizzat xejn li jindika li f'dik is-seduta instemgħu xi xhieda, jew li ġew preżentati xi dokumenti minn xi ħadd.

6. Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2018 (fol 4) il-kawża ġiet differita fuq talba tal-imputat innifsu għat-13 ta' Ġunju 2018. Fit-13 ta' Ġunju 2018 l-imputat ma deherx il-Qorti u l-Qorti, wara li rat li huwa kien ġie notifikat bid-data ta' dik is-seduta kienet sabitu ħati ta' disprezz lejn l-awtorita tagħha u kkundannatu għal ammenda (***sic!***) ta' €500,

nonche ordnat il-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront tiegħu għas-seduta li kien imiss li ġiet iffissata għall-10 t'Ottubru 2018.

7. Biss wara dan il-verbal a fol 7 tal-proċess jirriżulta li kienu ġew inseriti żewġ dokumenti immarkati bħala dok PS1 u PS2. PS1 hija l-*letter to prosecute* datata 19 ta' Ġunju 2017 u ffirmata minn Paul Scicluna fejn bis-saħħa tal-istess ittra l-Kummissarju tat-Taxxi talab li tittieħed l-azzjoni penali kontra John BONELLO; filwaqt li d-dokument PS2 hija applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mnad-Dipartiment tal-VAT li, l-vera kopja tagħha hija datata 15 ta' Jannar 2018. Ma hemm ebda indikazzjoni fl-atti dwar min ippreżenta dawn iż-żewġt dokumenti u jekk dawn iż-żewġt dokumenti ġewx konfermati bil-ġurament.

8. Għalkemm il-Qorti iffissat is-seduta li kien imiss għall-10 t'Ottubru 2018, jirriżulta li fl-atti ma hemm ebda verbal dwar din id-data u l-verbal tas-seduta li jmiss huwa dak tat-23 ta' Jannar 2019 minn fejn jirriżulta li l-imputat ma deherx għas-seduta u l-Qorti semgħet ix-xiehda ta' PC1529 minn fejn jirriżulta li l-imputat ma kienx instab. Il-kawża kienet ġiet differita għad-29 ta' Mejju 2018.

9. L-imputat deher għas-seduta tad-29 ta' Mejju 2018. Iżda anke fir-rigward ta' din is-seduta ma jirriżultax li xehed xi ħadd. Il-Qorti kull ma tgħid huwa min deher, fosthom l-imputat assistit, Paul Scicluna għad-Dipartiment tal-VAT u l-kuntistabbli Louise Cuschieri għall-prosekuzzjoni, li l-kawża ġiet deċiża u li l-

appellant kien ingħata *"Multa €3000, €5 wara tlett xhur jekk ma jkunx sar il-hlas lid-Dipertiment tal-VAT"*. Ma hemm ebda riferenza għall-fatt li xehdu xi xhieda – minkejja li kemm fuq il-komparixxi kif ukoll fuq il-letter to prosecute hemm imniżżel ċar min kellhom ikunu x-xiehda tal-Prosekuzzjoni – *"Kummissarju tat-Taxxi u /jew rappresentant tiegħu – Marjes Galea – Cynthia Briffa"*. Wara dik, is-sentenza tal-Qorti.

***Ikkunsidrat : -***

10. Illi f'dan l-isfond probatorju, id-Difiża talbet lil Qorti sabiex, fid-dawl li kienu ġew preżentati żewġ dokumenti issib lill-imputat mhux ħati u tilliberah mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu. L-Avukat Ġenerali minn naħa tiegħu qabel mad-Difiża li f'dan il-każ ma jirriżultax li x-xiehda tal-Prosekuzzjoni ġew mismugħa u ma jirriżultax min ippreżenta d-dokumenti PS1 u PS2 u jekk ġewx ikkonfermati bil-ġurament.

11. Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Pace*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-21 ta' Ġunju 2001 fejn kien intqal is-segwenti : -

> Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro***, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita` sostanzjali jew xort' ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, il-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita` tas-sentenza, huma sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti. U biex ma tipprivax lill-partijiet, u

specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti ser tipprovdi bil-mod infraskritt.

12. Din il-Qorti wara li eżamint l-atti ta' dan il-każ, nonche dak li ġara wkoll fil-kawża ***Pace*** hawn fuq imsemmija jidhrilha li l-każ preżenti huwa aktar gravi minn dak Pace in kwantu f'dak il-każ ir-rappreżentant tad-Dipertiment tad-Dwana almenu kien reġistrat li ppreżenti diversi dokumenti għalkemm ma xehedx dwarhom, mentri f'dan il-każ, ma hemm ebda indikazzjoni dwar min ippreżenta d-dokumenti PS1 u PS2, u ebda indikazzjoni dwar li xehed xi ħadd dwarhom.

# ***Deċide***

Għaldaqstant din il-Qorti, għall-motivi premessi, tiddisponi minn dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jerġa' jibgħat lura l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tisma' l-kawża u tiddeċidiha skont il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***